MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 123/2008

**Terrence Grech (I.D. Card Nru. 461388M)**

**Vs**

**STMicroelectonics (Malta) Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba permezz ta' liema l-attur jitlob li s-socjetà konvenuta tigi ikkundannata thallsu s-somma ta' elf mitejn tnejn u hamsin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€1,252.83) rapprezentanti nofs is-salarju dovut lilu mis-socjetà konvenuta ghall-perijodu bejn it-30 ta' Settembru 2007 u t-30 ta' Settembru 2008 billi kien apprendist mas-socjetà konvenuta bis-sahha ta' ftehim ta' apprendistat iffirmat bejn ommu w is-socjetà konvenuta datat 11 ta' Ottubru 2006 u dan taht il-kondizzjonijiet pattwiti f'tali ftehim, anness ma' l-Avviz tat-Talba bhala Dok. "A", u dan l-istess ftehim gie terminat mis-socjetà konvenuta minghajr raguni valida fil-Ligi kif jirrizulta minn ittra mibghuta lilu mill-imsemmija socjetà u annessa ma' l-

Avviz tat-Talba bhala Dok. “B”; bl-imghax dekoribbli mit-30 ta’ Settembru 2007 kontra s-socjetà konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjetà konvenuta permezz ta’ liema laqghet ghat-talba attrici bl-eccezzjoni li l-ftehim ta’ apprendistat ma giex terminat mis-socjetà konvenuta izda gie itterminat mill-attur stess. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra x-xhieda ta’ l-attur u ta’ ommu Pauline Grech entrambe moghtija waqt is-seduta tas-7 ta’ Mejju 2008, ix-xhieda ta’ Charles Psaila u ta’ Maria Bartolo Galea moghtija waqt is-seduta tat-23 ta’ Gunju 2008 u x-xhieda ta’ Joseph Grech moghtija waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ Jannar 2009.

Ra l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet kontendenti, in partikolari Dok. “A” u Dok. “B” annessi ma’ l-Avviz tat-Talba a fol.2,3 u 4 tal-process, Dok. “ST1” u Dok. “ST2” a fol.11 u 12 tal-process, Dok. “PF1” a fol.15 tal-process, Dok. “JG1”, Dok. “JG2” u Dok. “JG3” a fol.37,38 u 39 tal-process.

Ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet ta’ l-attur u n-Nota ta’ Osservazzjonijiet tas-socjetà konvenuta u ra li fis-seduta tat-22 ta’ Mejju 2009 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Fatti:**

Mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti rrizulta li f’Ottubru 2006 l-attur kien dahal bhala apprendist mas-socjetà konvenuta u dana ghal perijodu bejn il-11 ta’ Ottubru 2006 u t-30 ta’ Settembru 2008 ai termini ta’ ftehim ta’ apprendistat iffirmat bejn omm l-attur, billi dak iz-zmien kien ghadu taht l-età, u s-socjetà konvenuta datat 11 ta’ Ottubru 2006. Dana l-ftehim gie esebit mill-attur bhala Dok. “A” anness ma’ l-Avviz tat-Talba.

F’Lulju 2007 l-attur ircieva ittra minghand is-socjetà konvenuta permezz ta’ liema gie infurmat li *due to re-organisation of our resources, your “apprenticeship” will not be renewed after the 30$^{th}$ September 2007. The*

*Employment and Training Corporation has been duly informed of this and will assist you in finding alternative sponsorship* – din l-ittra giet esebita bhala Dok. "B" ma' l-Avviz tat-Talba.

Pauline Grech, omm l-attur, immedjatament ikkomunikat ma' Charles Psaila ta' l-ETC biex tinfurmah b'din l-ittra u sabiex tara jekk l-ETC kenitx taf biha. Charles Psaila rrispondiha fl-affermattiva izda qalilha li s-socjetà konvenuta ma kenitx qed taghmel hekk biss fil-konfront ta' binha izda anke fil-konfront ta' nies ohra ghaliex ma setghetx tkompli zzommhom. Charles Psaila obbliga ruhu fil-konfront ta' Pauline Grech illi l-ETC taghmel mill-ahjar biex issib sponsor iehor ghal binha.

Bhala fatt wara ftit taz-zmien l-attur gie accettat bhala apprendist mas-socjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Ltd. u ghalhekk il-ftehim ta' apprendistat li kellu mas-socjetà konvenuta gie trasferit ghal fuq dan l-isponsor il-gdid u beda jahdem ma' din is-socjetà b'effett minn Awissu 2007. L-attur kellu jibqa' apprendist ma' din is-socjetà sa' Settembru 2008.

Waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2008 l-attur ikkonferma li Dok. "ST1"[1] huwa *request* ghat-*transfer* ta' l-apprendistat tieghu minn mas-socjetà konvenuta ghal mas-socjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Ltd. u kkonferma wkoll li din ir-*request* giet iffirmata minnu u li giet milqugha mill-ETC kif jirrizulta mill-ittra esebita bhala Dok. "ST2" a fol.12 tal-process. L-attur ippreciza però li din ir-*request* ghat-*transfer* ta' l-apprendistat saret wara li ommu giet infurmata minn Charles Psaila ta' l-ETC li kien ikun ahjar jekk flok jintemm il-ftehim ta' apprendistat minn mas-socjetà konvenuta u jinbeda ftehim gdid mas-socjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Ltd. jigi trasferit il-ftehim li l-attur kellu mas-socjetà konvenuta ghal fuq l-isponsor il-gdid.

L-attur ikkonferma li b'rizultat ta' dak kollu li gara huwa ma tilifx flus izda stqarr li kien kuntent jahdem mas-socjetà

[1] Fol.11 tal-process.

konvenuta u ma kellu ebda problemi maghha waqt l-apprendistat tieghu. Huwa qed ifittex ghal kumpens ghas-sena li tnaqqsiltu mill-ftehim ta’ apprendistat li kellu mas-socjetà konvenuta u dana fuq parir li tawh mill-ETC. F’dan ir-rigward omm l-attur iddikjarat *ircevejna ittra fejn gejna infurmati li jekk it-tifel ried jezigi d-drittijiet tieghu seta’ jcempel l-ETC. Jiena cempilt u hemmhekk qaluli li bi dritt it-tifel kien intitolat ghal nofs is-salarju li kien jiehu ghal dak il-perijodu li ma zammewhx u gejna moghtija parir biex naghmlu din it-talba ma’ l-ST Microelectronics u hekk ghamilna u b’hekk qeghdin hawnhekk*[2] .

Charles Psaila, li jkopri l-kariga ta’ Executive fuq l-apprendisti fi hdan l-ETC Training Division, ikkonferma li fis-sena 2007 gie infurmat mis-socjetà konvenuta li minhabba xi problemi li kellha ma setghetx izzomm l-apprendisti li kellha, fosthom l-attur. Is-socjetà konvenuta talbet lill-ETC biex lil dawn l-apprendisti tipprova issibilhom post iehor fejn setghu jkomplu l-apprendistat taghhom biex ma jigux *unplaced*.

Ikkonferma li bhala fatt l-attur gie *placed* bhala apprendist mas-socjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Ltd. u fuq mistoqsija jekk kienx hemm *break* bejn l-apprendistat ta’ l-attur mas-socjetà konvenuta u t-tkomplija ta’ dan l-apprendistat mas-socjetà Trelleborg, Charles Psaila rrisponda *nghid illi ma nahsibx li kien hemm hafna jew jekk kien hemm break ma nahsibx li kien twil … skond il-formola li rajt* [transfer of apprenticeship form a fol.11 tal-process] *jidher illi t-transfer sehh immedjatament u kien hemm qbil*[3].

Maria Bartolo Galea, li wkoll tahdem ma’ l-ETC, ikkonfermat li l-attur kien dahal fi ftehim ta’ apprendistat mas-socjetà konvenuta ghal perijodu ta’ sentejn b’effett mill-11 ta’ Ottubru 2006. Ikkonfermat ukoll li fl-2007 irceviet korrispondenza minghand is-socjetà konvenuta fejn l-ETC giet infurmata li s-socjetà konvenuta ma kenitx ser izzomm lill-attur bhala apprendist. Kif l-ETC giet infurmata b’dan il-fatt beda l-process ta’ tfittxija ta’ sponsor

---

[2] Xhieda ta’ Pauline Grech a fol.23 tal-process.
[3] Xhieda ta’ Charles Psaila a fol.30 tal-process.

gdid ghall-attur u bhala fatt huwa intbaghat bhala apprendist mas-socjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Ltd. wara li intliet it-transfer of apprenticeship form appozita. Is-socjetà Trelleborg assumiet minflok is-socjetà konvenuta d-drittijiet u l-obbligi nascenti mill-ftehim ta' apprendistat li s-socjetà konvenuta kellha ma' l-attur.

Fuq domanda jekk kienx hemm *break* minn xoghol ghal xoghol, Maria Bartolo Galea rrispondiet *le, telaq minn post u mar minnufih ghal post iehor skond id-dati li ghandi miktubin fid-dokumenti li ghalihom iffirma*[4].

Joseph Grech, Human Resources Section Manager mas-socjetà konvenuta, ikkoferma li l-attur kien dahal bhala apprendist mas-socjetà konvenuta ghal  zmien sentejn b'effett minn Ottubru 2006 izda li fis-sena 2007 is-socjetà konvenuta infurmat lill-apprendisti li kellha, fosthom l-attur, li ma setghetx tkompli toffrilhom apprendistat. Huwa xehed li ntlahaq ftehim bejn is-socjetà konvenuta u l-ETC biex *dawn l-apprendisti jigu transferred ghal negozji jew kumpaniji ohra biex huma jkunu jistghu ikomplu l-apprendistat maghhom, ma' dawn is-socjetajiet l-ohrajn, u ma jkollhomx ghalfejn jitilfu l-allowances li kienu qed igawdu fl-apprenticeship li kellhom maghna*[5].

Ikkonferma li bhala fatt l-attur gie accettat bhala apprendist mas-socjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Ltd. u li t-*transfer* ta' l-apprendistat ta' l-attur minn mas-socjetà konvenuta ghal mas-socjetà Trelleborg gie approvat mill-ETC u accettat mill-partijiet kollha involuti tant illi gew mimlija l-formoli appoziti. Joseph Grech ippreciza li *Terrence Grech b'dan it-transfer ma tilef assolutament xejn ghaliex dak li suppost kellu jiehu minghandna ghaz-zmien li kien fadal mill-apprendistat hadu minghand l-employer il-gdid tieghu*[6].

**Konsiderazzjonijiet:**

---

[4] Xhieda ta' Maria Bartolo Galea a fol.32 tal-process.
[5] Xhieda ta' Joseph Grech a fol. 42 tal-process.
[6] Xhieda ta' Joseph Grech a fol.43 tal-process.

It-Tribunal huwa tal-fehma li ghad-determinazzjoni gusta tal-kawza in ezami jehtieg l-ewwel qabel kollox jigi stabbilit jekk il-jedd li fuqu l-attur jibbaza l-azzjoni tieghu kontra s-socjetà konvenuta effettivament jikkompetix lilu.

Min-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur johrog car li huwa qed jibbaza l-azzjoni odjerna fuq il-provvediment tal-Ligi enuncjat fl-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta ossia li, *principal li jibghat 'l barra impjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jhallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem*.

Il-precitat artikolu tal-Ligi jitkellem dwar impjegat u mhux dwar apprendist u ghalhekk necessarjament iqum il-kwezit jekk tali provvediment tal-Ligi effettivament japplikax ukoll fil-kaz li l-ftehim li jigi terminat qabel iz-zmien ikun ftehim ta' apprendistat.

L-Artikolu 2 tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li t-tifsira ta' apprendist ghall-finijiet ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ghandha tkun l-istess tifsir moghtija fl-Artikolu 29 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Tahrig, Kap.343 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imsemmi Artikolu 29 tal-Kap.343 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *"apprendist" tfisser persuna li tkun ghalqet hmistax-il sena li tkun marbuta bi ftehim bil-miktub li taqdi principal matul iz-zmien miftiehem sabiex tikseb taghrif, maghduda t-teorija u l-prattika, f'sengha li l-principal min-naha tieghu jkun marbut li jghallem lil dik il-persuna; u apprendistat ghandha tinftiehem skond hekk.*

Fil-fehma tat-Tribunal ladarba l-Legislatur ghazel li jaghti tifsira specifika lit-terminu "apprendist" huwa evidenti li tali terminu ma ghandux u ma jistghax jigi skambjat ma' jew jinghata l-istess tifsira tat-terminu "impjegat", sakemm ma tipprovdix f'dan is-sens il-Ligi stess.

Ghalhekk ladarba l-Artikolu 36(11) tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi biss ghal impjegat u ma hemm imkien

provdut li ghall-finijiet ta' dak l-artikolu t-terminu impjegat ghandu jinkludi wkoll apprendist, necessarjament isegwi li dak il-provvediment tal-Ligi ma japplikax wkoll ghall-apprendisti li jigi terminat il-ftehim ta' apprendistat taghhom qabel iz-zmien miftiehem.

Barra minhekk l-apprendisti w it-*Trainees* u r-relazzjonijiet taghhom mal-principal huma regolati b'mod *ad hoc* fl-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Tahrig, Kap.343 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament bis-sahha ta' l-Artikoli 29 sa' 45 ta' l-imsemmi Att.

Il-Kap.343 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi b'mod specifiku dwar: (a) it-temm jew thassir ta' ftehim ta' apprendistat jew *traineeship* – Artikolu 34; (b) kif jittiehdu decizonijiet dwar kwistjonijiet li jinqalghu bejn il-principal u l-apprendist jew *trainee,* inkluz il-kaz fejn xi hadd minnhom jonqos li jew ma jistghax ikompli jhares ir-rabtiet li dahal ghalihom bil-kuntratt ta' apprendistat jew *traineeship* – Artikolu 42; u (c) il-jeddijiet civili ta' l-apprendistat jew *trainee* u tal-principal fil-konfront ta' xulxin – Artikolu 45.

Minn imkien mill-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Tahrig ma jirrizulta li jikkompeti favur apprendist jew *trainee* li l-ftehim ta' apprendistat jew *traineeship* tieghu jigi terminat qabel iz-zmien miftiehem il-jedd pretiz mill-attur fil-proceduri odjerni, u dana lanqas f'kaz fejn il-kuntratt ta' apprendistat jew *traineeship* jigi terminat mill-principal bla ebda raguni valida fil-Ligi. Ir-rimedji disponsibbli lill-apprendist jew *trainee* li jhoss li l-principal naqas milli jonora l-obbligi minnu assunti fil-konfront tieghu a tenur tal-Kap.343 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament tal-precitati artikoli tal-Ligi huma ben diversi mir-rimedju li ghalih irrikorra l-attur fil-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant fil-fehma tat-Tribunal il-jedd pretiz mill-attur u li fuqu jibbaza l-azzjoni odjerna kontra s-socjetà konvenuta in verità ma jikkompetix lilu.

Dwar il-kwistjoni tat-tmiem o meno tal-ftehim ta' apprendistat ta' l-attur, mill-provi prodotti kjarament irrizulta li ghalkemm l-attur gie infurmat mis-socjetà

konvenuta li ma kenitx f'posizzjoni li tkompli toffrilu apprendistat wara Settembru 2007, in verità il-ftehim ta' apprendistat tieghu ma giex terminat kif minnu affermat izda, gie trasferit ghal fuq *sponsor* gdid, is-socjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Ltd. li assumiet fil-konfront tieghu l-istess obbligi li kellha s-socjetà konvenuta.

Oltre d-dokumenti esebiti u in partikolari t-Transfer of Apprenticeship form, l-attur stess ikkonferma li huwa kompla l-apprendistat tieghu mas-socjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Ltd. minflok is-socjetà konvenuta b'effett minn Awissu 2007 u li bi rizultat ta' dak li gara huwa ma tilifx flus. Minn naha ta' l-ETC gie kkonfermat ukoll li mill-apprendistat mas-socjetà konvenuta ghall-kontinwazzjoni ta' l-apprendistat mas-socjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Ltd. l-attur ma waqafx minn u ma tilifx ix-xoghol.

It-*transfer* ta' apprendistat huwa specifikatament kontemplat fl-Artikolu 33(1) tal-Kap. 343 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li *l-jeddijiet u dmirijiet ta' kull principal taht xi ftehim ta' apprendistat jew traineeship jistghu, bil-kunsens tal-Korporazzjoni, jiddawru fuq principal iehor* u minn dan l-artikolu jidher car li t-trasferiment ta' ftehim ta' apprendistat jew *traineeship* ma ghandux u ma jistghax jigi kkunsidrat bhala terminazzjoni ta' dak l-istess ftehim.

Barra minhekk ladarba l-attur accetta li l-ftehim ta' apprendistat tieghu jigi trasferit minn mas-socjetà attrici ghal mas-socjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Ltd., illum ma jistghax jakkuza lis-socjetà konvenuta li itterminatlu l-istess ftehim ta' apprendistat ghaliex in verità dak ma huwiex li gara.

It-Tribunal jinnota li l-affermazzjoni tas-socjetà konvenuta fir-Risposta taghha li kien l-istess attur li ttermina l-ftehim ta' apprendistat tieghu minn maghha ma hijiex mill-iktar felici ghaliex in verità l-attur mhux ittermina l-ftehim izda accetta li dan l-istess ftehim jigi trasferit fuq sponsor iehor, izda madanakollu s-sitwazzjoni tibqa' invarjata u l-

pretensjonijiet ta’ l-attur kif diretti kontra s-socjetà konvenuta ma jistghux jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-talba ta’ l-attur jilqa’ l-eccezzjoni tas-socjetà konvenuta. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------